MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 197/2005

**Mixer Concrete Works Limited**

**vs**

**Carmel sive Charles Grixti**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u sebgha u erbghin Lira Maltin u disghin centezmu (LM2,047.90,0), ammont dovut minnu lis-socjeta' attrici skond skrittura privata datata it-8 ta' Gunju tas-sena 2004 inkluz l-imghax dekoribbli skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Frar tas-sena 2005;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-31 ta' Jannar tas-sena 2006 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------